# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 27 ta' April, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 292/15/1 LM**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Joseph Muscat**

**v.**

**GasanMamo Insurance Limited (C-3143)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tal-kumpanija konvenuta GasanMamo Insurance Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta' Diċembru, 2018, li permezz tagħha ġew milqugħa t-talbiet tal-kumpanija attriċi Atlas Insurance PCC Limited u b'hekk il-kumpanija konvenuta ġiet ordnata tħallasha s-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt ewro (€12,700). Dan

wara li ġie ddikjarat mill-Ewwel Qorti li l-inċident awtomobilistiku seħħ minħabba l-imprudenza, imperizja u negliġenza min-naħa ta' Francis Ġuda Cutajar, l-assikurat tal-kumpanija konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-26 ta' Marzu, 2015, il-kumpanija attriċi Atlas Insurance PCC Limited fissret li fis-16 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tas-1:30p.m, seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq il-Kappuċċini, ir-Rabat, Għawdex bejn il-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984, proprjetà tal-assikurat tagħha Joseph Muscat u li kienet misjuqa minnu, u l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140, misjuqa mill-assikurat tal-kumpanija konvenuta Francis Ġuda Cutajar. Il-kumpanija attriċi sostniet li kien l-assikurat tal-kumpanija konvenuta li jaħti għall-inċident u d-danni konsegwenzjali minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031(1) u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Il-kumpanija attriċi tgħid li hija ġarrbet danni fl-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt ewro (€12,700), u dan billi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JMM 984, li ġiet iddikjarata bħala *beyond economical repair,* kienet assikurata minnha skont polza ta' assikurazzjoni *fully comprehensive.* Infatti bis-saħħa tal-polza ta' assikurazzjoni maħruġa fir-

rigward tal-assikurat tagħha Joseph Muscat, hija ħallset lill-istess Joseph Muscat is-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) u b'hekk l-istess kumpanija attriċi ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha. Minn dan l-ammont li tħallas mill-kumpanija attriċi, tnaqqas il-valur tar-*wreck* li nbiegħ għas-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1,300). Għalhekk id-danni mitluba huma fl-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt ewro (€12,700).

4. Il-kumpanija attriċi tgħid li għalkemm sejħet lill-kumpanija konvenuta sabiex tagħmel tajjeb għad-danni mġarrba, anki permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013 u oħra tat-28 ta' Jannar, 2015, it-tnejn notifikati, il-kumpanija konvenuta baqgħet inadempjenti. Għalhekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"1.Tiddikjara lill-assikurat tas-soċjetà intimata Francis Ġuda Cutajar unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt;*
>
> *2.Tiddikjara lis-soċjetà intimata unikament responsabbli għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku de quo ġarrbet is-soċjetà rikorrenti;*
>
> *3. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
>
> *4. Tikkundanna lis-soċjetà intimata GasanMamo Insurance Limited fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140 sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013 u tal-ittra uffiċjali tat-28 ta' Jannar, 2015, u bl-imgħax legali b'effett mit-3 ta' Mejju, 2013 kontra l-istess soċjetà intimata, li hija inġunta għas-subizzjoni."*

4. Il-kumpanija konvenuta GasanMamo Insurance Limited ressqet

tweġiba maħlufa fit-22 ta' April, 2015, fejn qalet hekk: (i) preliminarjament eċċepiet il-*lis alibi pendens*, u dan billi l-inċident kien jifforma l-mertu ta' arbitraġġ pendenti fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ, u li fiha l-partijiet kienu qegħdin jistennew biss il-pronunċjament tal-*lodo* finali; (ii) fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kumpanija konvenuta saħqet li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti u dana billi l-inċident inkwistjoni ma seħħx b'xi tort tal-assikurat tagħha, iżda seħħ unikament tort tar-rikorrent Joseph Muscat stess, u minħabba traskuraġni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu; (iii) subordinatament għat-tieni eċċezzjoni, il-kumpanija konvenuta sostniet li d-danni pretiżi mir-rikorrenti huma kontestati, u dana billi huma esaġerati u eċċessivi; u għaldaqstant fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti għandhom iressqu kull prova valida skont il-liġi sabiex jipprovaw dak illi allegatament sofrew *in linea* ta' danni minħabba dan l-inċident; (iv) salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi.

5. B'sentenza mogħtija fl-10 ta' Diċembru, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet li:

> *"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta;*
>
> *2. Tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tiddikjara li l-inċident inkwistjoni seħħ minħabba imprudenza, imperizja u negliġenza da parti ta' Francis Ġuda Cutajar, l-assikurat tas-soċjetà konvenuta;*
>
> *Tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi fis-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700);*

*Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta GasanMamo Insurance Limited tħallas lis-soċjetà attriċi Atlas Insurance PCC Limited fil-vesti tagħha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BEE 140, is-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt Euro (€12,700) hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza, kontra s-soċjetà konvenuta."*

6. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex taqta' l-kawża b'dan il-mod huma dawn:

*"Konsiderazzjonijiet legali*

*Ir-responsabbiltà għall-inċident*

*Permezz tat-talbiet tas-soċjetà attriċi, il-Qorti qiegħda tintalab tiddetermina min mis-sewwieqa involuti fl-inċident mertu tal-kawża kien responsabbli għall-akkadut, sabiex sussegwentement tistabbilixxi jekk hemmx danni x'jiġu likwidati favur is-soċjetà attriċi.*

*Il-verżjonijiet mogħtija mill-persuni involuti f'dan l-inċident kienu għalkollox konfliġġenti, tant li l-partijiet jaddebitaw il-ħtija lil xulxin għal dan l-inċident li wassal biex iż-żewġ vetturi involuti ġew skrappjati minħabba l-ħsarat estensivi li dawn ġarrbu. Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja[1]. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet[2].*

*Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dak li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar dan f'sentenza fl-ismijiet* ***George Bugeja vs. Joseph Meilak***[3] *ingħad illi:*

*"[f]il-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn,*

---

[1] ***Borg v. Bartolo***, Appelli Inferjuri, 25.06.1980.
[2] Vide wkoll ***Caruana v. Laurenti***, P.A., 08.04.1994, ***Borg v. Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib***, P.A., 17.07.1981, ***Vassallo v. Pace*** (Vol.LXX.II.144) u ***Zammit v. Petrococchino***, App.Kum., 25.02.1952.
[3] P.A., 30.10.2003.

*flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet."*

*Il-Qorti qieset li l-aktar prova oġġettiva li nġabet f'din il-kawża kienu proprju r-ritratti li juru x'kien hemm fuq il-post tal-inċident ftit mumenti wara li dan seħħ, u l-ispjegazzjoni mogħtija mill-partijiet għad-dettalji murija f'dawn ir-ritratti. Il-Qorti semgħet lill-assikurat tas-soċjetà attriċi jispjega li hu kien nieżel mit-triq inkwistjoni b'veloċità li ma tistax titqies eċċessiva, f'pożizzjoni dritta fil-karreġġjata tiegħu, tenut kont li kien nieżel fi triq li fiha għadd ta' liwjiet kif ukoll lights u zebra crossing, meta f'salt wieħed ra "bħal leħħa sewda għaddejja" u ħass l-impatt li kien qawwi tant li nqalgħet l-axle tar-rota li spiċċat fit-triq u nqalgħet ukoll ir-rota ta' quddiem tal-vettura tiegħu, dik tan-naħa tas-sewwieq, filwaqt li l-vettura tiegħu spiċċat titkaxkar 'l isfel, għan-niżla, sakemm waqfet biswit ċint man-naħa l-oħra tat-triq.*

*Il-Qorti semgħet ukoll lis-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta jixhed li hu wkoll kien qiegħed isuq b'veloċità normali, għalkemm is-sewqan tiegħu kien għat-telgħa, meta f'salt wieħed induna li l-vettura misjuqa mill-assikurat tas-soċjetà attriċi kienet dieħla fihom, skont hu minħabba li din kienet qiegħda tinstaq b'veloċità eċċessiva. Cutajar xehed li meta hu kien tiela' mit-telgħa, dak il-ħin it-triq kienet vojta mill-vetturi u min-nies, fattur dan li jagħmilha aktar probabbli li Cutajar ra li t-traffic lights li hemm fil-post tal-inċident kienu fuq l-aħdar u allura ma kellux għalfejn inaqqas il-veloċità li kien qiegħed isuq biha. L-uffiċjali tal-Pulizija li waslu fuq il-post tal-inċident ftit wara kkonstataw li l-ħabta kienet waħda frontali, bil-kantuniera tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat taħbat mal-kantuniera tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Francis Ġuda Cutajar. Mill-iskizz esebit, jirriżulta b'mod ċar li l-vettura misjuqa minn Joseph Muscat tkaxkret għal ċertu distanza wara l-impatt, filwaqt li l-fatt li l-vettura misjuqa minn Francis Ġuda Cutajar kellha ħsarat mhux biss fil-parti frontali tagħha, iżda anki fuq wara, huwa indikattiv tal-fatt li mal-impatt din il-vettura mxiet lura u ħabtet ma' xi ħaġa minn wara wkoll.*

*Il-Qorti kkonsidrat ir-rilevanza tar-ritratti esebiti in atti[4], b'mod partikolari dawk li juru li l-wiċċ tat-triq fejn seħħ l-inċident ingiref mill-vettura misjuqa minn Muscat, min-nofs tat-triq għad-distanza kollha li fiha tkaxkret l-istess vettura sakemm waqfet biswit ċint. F'inċident awtomobilistiku b'impatt daqstant qawwi fejn iż-żewġ vetturi involuti spiċċaw total loss, il-fatt li r-rota mqaċċta tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat spiċċat fil-karreġġjata opposta minn fejn kien għaddej Cutajar bil-vettura tiegħu bl-ebda mod ma jista' jingħad li huwa indikattiv tal-punt fejn seħħ l-impatt. Il-Qorti tqis li mhuwiex verosimili li Muscat kien għaddej b'veloċità eċċessiva tenut kont li dan kien qiegħed f'niżla li fiha numru ta' liwjiet, meta kien jaf li fi triqtu ser isib pedestrian lights u zebra crossing. Il-Qorti tqis li huwa ferm aktar*

[4] A fol. 115 sa 120.

*probabbli li kien is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta li kien qiegħed jaċċellera fi triq li kienet vojta kemm min-nies kif ukoll mill-vetturi.*

*Il-Qorti qieset ukoll li l-ispjegazzjoni dettaljata tal-mod kif seħħ l-inċident mogħtija minn Joseph Muscat li spjega li hu induna bil-vettura l-oħra biss wara li seħħ l-impatt, u li l-vettura tiegħu tkaxkret għal ċerta distanza wara li għadd ta' ġranet, jagħti ħafna aktar kredibbilità l-verżjoni li kien is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-soċjetà konvenuta li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tant li minkejja li mix-xhieda ta' Cutajar u ta' martu rriżulta li ftit tal-mumenti qabel seħħ l-inċident, meta l-vettura l-oħra kienet 'il bogħod minnhom it-tul ta' żewġ karozzi, huma indunaw li Joseph Muscat kien ser jispiċċa jidħol fihom, Cutajar ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel xejn biex jevita l-impatt. Il-Qorti tqis illi dan jammonta għal sewqan negliġenti u imprudenti da parti tal-assikurat tas-soċjetà konvenuta, b'tali mod li din għandha tinżamm responsabbli għad-danni li ġarrbet is-soċjetà attriċi bħala konsegwenza tal-inċident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawża.*

*<u>Il-quantum tad-danni</u>*

*Jirriżulta mill-atti li l-valur fis-suq tal-vettura tal-assikurat tas-soċjetà attriċi kien ta' tlettax-il elf Euro (€13,000) li mexa fuqu s-surveyor imqabbad minnha. Sussegwentement dan il-valur ġie aġġustat għall-valur ta' erbatax-il elf Euro (€14,000) minħabba li din il-vettura ma tantx kellha mili u kienet ikkundizzjonata. Dan l-aġġustament sar wara li s-soċjetà attriċi kienet in kuntatt mal-assikurat tagħha Joseph Muscat. Ix-xhud Tarcisio Mercieca, il-freelance surveyor inkarigat mis-soċjetà attriċi, ta spjegazzjoni dwar kif wasal biex irrakkomanda dan l-aġġustament. Il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddipartixxi minn din il-konstatazzjoni teknika tas-surveyor Tarcisio Mercieca, tenut kont ukoll tal-fatt illi s-soċjetà konvenuta ma resqet ebda prova kontrarja."*

7. Il-kumpanija konvenuta GasanMamo Insurance Limited appellat minn din is-sentenza b'rikors tal-20 ta' Diċembru, 2018 u ressqet żewġ aggravji: (i) apprezzament żbaljat tal-provi għal dak li għandu x'jaqsam mar-responsabbilità tal-inċident; u (ii) żball tal-apprezzament tal-provi li wassal għall-*quantum* tad-danni.

8. Il-kumpanija attriċi appellata permezz tat-tweġiba tagħha tal-15 ta'

Jannar, 2019 wieġbet li l-appell kellu jiġi miċħud.

9. Min-naħa tagħha, il-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited ressqet appell inċidentali, b'aggravju wieħed u limitatament dwar l-impożizzjoni tal-imgħax legali u minn meta dan għandu jitlaq.

10. Il-kumpanija konvenuta laqgħet għal dan l-appell inċidentali billi tgħid li għandu jiġi miċħud.

11. Rat li l-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2023 straħu fuq l-atti u dakinhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

12. Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Konsiderazzjonijiet:**

13. L-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti huwa dwar l-apprezzament tal-provi mwettaq mill-Ewwel Qorti: (i) tgħid li jekk wieħed iqis il-verosomiljanza tal-verżjonijiet tal-partijiet, il-verżjoni tal-assikurat tal-kumpanija appellata kienet inkonsistenti għaliex ta verżjonijiet differenti *a tempo vergine,* imbagħad ħamest ijiem wara mar l-għassa u ħames snin wara l-inċident qal li ra *"leħħa sewda"* għaddejja minn miegħu; (ii) issostni li hemm żbilanċ mill-Ewwel Qorti kif evalwat il-provi;

(iii) tgħid ukoll li hija ma taqbilx mal-ħsieb tal-Ewwel Qorti f'dak li għandu x'jaqsam ma' fejn waqgħet ir-rota tal-assikurat tal-kumpanija appellata. Skontha, il-fatt li din ir-rota waqgħet u/jew spiċċat fuq il-karreġġjata li minnha kien għaddej ix-xufier assikurat tagħha tagħti x'tifhem talanqas fuq bażi ta' probabbilità li l-impatt seħħ fuq il-karreġġjata tax-xufier assikurat minnha; (iv) tilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti żbaljat fl-apprezzament tagħha tal-provi li rriżultaw minn ritratti eżebiti miż-żewġ xufiera rispettivi. Tgħid li r-ritratti eżebiti minn Dr Nadia Vella, bint ix-xufier assikurat tal-kumpanija appellata, ma jitfgħu l-ebda dawl fuq kif seħħ l-inċident u wisq anqas juru li kien hemm xi grif fuq il-wiċċ tat-triq.

14. Hekk kif inhu miżmum, l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti m'għandux normalment jiġi disturbat, sakemm mhux għal xi raġuni gravi, madankollu, huwa minnu wkoll li: "*l-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid,*

*anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal- Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti."* (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***).

15. Kif inhuwa fid-dmir tagħha illi tagħmel, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti kollha tal-kawża.

16. Illi hija regola ġenerali fi kwistjonijiet ta' stħarriġ ta' responsabbilità f'ħabta jew inċident, li kull sewwieq irid iħares żewġ regoli ewlenin, jiġifieri li: (a) jirregola s-sewqan tiegħu skont iċ-ċirkostanzi kollha tal-inħawi fejn ikun (magħduda magħhom il-konfigurazzjoni tat-triq, il-ħin u l-kundizzjonijiet atmosferiċi); u (b) jżomm attenzjoni (*proper look-out*) dwar dak li jkun qiegħed iseħħ fil-qrib jew huwa mistenni li jseħħ minnufih (Ara ***Middlesea Insurance plc et v. Joseph Saliba*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2018; ***Formosa & Camilleri Ltd et noe v. Joseph Camenzuli***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001; ***Stefano Bonello v. Carmelo Abela***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis-26 ta' April, 2001; u s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Marzu, 2021, fl-ismijiet ***Janette Borg neé Ciappara et v. Frangisku Pisani et***.

17. Il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti tax-xufiera tal-karozzi li ħabtu. Madankollu, hekk kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tat-22 ta' Marzu, 2017:

> *"Illi għar-rigward tal-kwestjoni tal-apprezzament tal-provi, il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[5].*
>
> *Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[6] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[7]. Iżda dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha"[8];*
>
> *Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*
>
> *Illi huwa prinċipju wkoll stabilit fil-qasam tal-inċidenti tat-triq li, fejn il-verżjonijiet tal-partijiet f'kawża jkunu tali li ma jaqblu f'xejn jew inkella b'mod estensiv, il-Qorti trid tqis liema waħda minn tali verżjonijiet hija dik li wieħed l-aktar għandu joqgħod magħha. Huwa biss fejn il-Qorti ma tkunx tista' tasal għal konvinċiment partikolari favur verżjoni l-waħda jew l-oħra li, bħala regola, għandha tqis li ż-żewġ partijiet jaħtu ndaqs għall-inċident li jkun[9];*
>
> *Illi min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba ż-żewġ verżjonijiet ikunu tali li jistgħu jitqiesu plawsibbli u ta' min joqgħod fuqhom mingħajr ma tkun*

[5] App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil.***
[6] Art. 562 tal-Kap 12.
[7] Art. 559 tal-Kap 12.
[8] App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar v David Curmi et.***
[9] App. Ċiv. 20.1.1964 fil-kawża fl-ismijiet ***Galdes v. Micallef*** (Kollez. Vol. XLVIII.i.59); App. Inf. 22.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Agency Limited noe v. Carmel Vella Clark*****.**

*tispikka xi ċirkostanza oħra dominanti li tikkonvinċi l-fehma tal-Qorti lejn naħa jew l-oħra, hemmhekk il-Qorti tkun trid iddur lejn ir-regola li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir[10], bir-riżultat li l-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas[11]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kejl li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[12]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[13];"*

18. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited v. Joseph Caruana***, deċiża fid-19 ta' Mejju, 2021, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet ***Jesmond Bonello v. Giulio Baldacchino*** (App Ċiv 15.01.1997), fejn il-Qorti qalet hekk: "... *f'materja ta' determinazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident awtomobilistiku, il-Qorti għandha dejjem tiġġudika a bażi ta' dak li jirriżultalha li kienet il-kawża prossima u immedjata tiegħu u tapplika għalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F'materja ta' sewqan huma r-regolament u t-tħaris u l-ksur tagħhom li addebitaw ir-responsabbilità u mhux l-ekwità u l-ġudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li għandhom jiġu riġidament applikati. Dan biex jiġi assigurat l-ordni, fir-rispett tal-istess regolamenti, li wieħed jista' jipprevjeni l-inċident."*

---

[10] App. Ċiv. 5.10.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Caruana v. Anthony Falzon***; P.A. NC fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Mediċi et v. William Rizzo e*t.**
[11] P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et v. Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[12] App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar v. David Curmi noe.***
[13] App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja noe.***

19. B'rabta ma' dan, tajjeb ukoll li f'dan l-istadju ssir referenza għal dak li tenniet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju, 2006, fl-ismijiet ***Saviour Meilaq v. Etienne Grech:***

> *"Huwa risaput li f'kolliżjonijiet ta' spiss il-verzjonijiet li jingħataw huma kontrastanti. Ħafna drabi r-rakkont tal-fatti ta' kif iseħħ l-inċident jew ma jirrispekjax il-verità jew saħansitra jkun eżaġerat bil-ħsieb li jagħti sostenn lill-verżjoni waħda fuq l-oħra; u meta dan ikun il-każ, l-iskizz u r-rapport li jkun għamel l-ufficjal tal-pulizija li jkun investiga l-każ jikkostitwixxu prova importanti. L-iskizz jagħti ideja ta' kif ikunu spiċċaw il-vetturi wara l-impatt, oltre ċirkostanzi oħra mportanti bħal topografija tal-lokal inklużi t-toroq, waqt li r-rapport ikollu dikjarazzjoni li tkun saret mis-sewwieqa a tempo vergine."*

20. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-iskizz ma jurix l-istampa kollha ta' kif seħħ l-impatt. Tant hu hekk, li filwaqt li mhux kontestat li l-karozza misjuqa minn Joseph Muscat tqaċċtitilha r-rota, liema rota spiċċat fil-karreġġjata tan-naħa l-oħra, din ir-rota mhijiex riflessa fl-iskizz. Barra minn hekk, jirriżulta wkoll li baqgħu għaddejjin il-karozzi u għalhekk ix-xena ma ġietx preżervata kif kellu jkun. Għalhekk, kwalunkwe referenza għall-iskizz trid issir b'ċertu kawtela.

21. Kien is-Surġent Carmelo Debattista nnifsu li kkonferma li l-iskizz imħejji minnu mhux *'to scale'.* B'dan illi fix-xhieda tiegħu ta stampa aktar ċara ta' dak li ra meta wasal fuq il-post. Qal li l-ħabta ġrat quddiem il-kunvent li jinsab fi Triq il-Kapuċċini, ir-Rabat, Għawdex. Din it-triq hija b'żewġ karreġġjati, waħda 'l fuq fid-direzzjoni tar-Rabat u l-oħra 'l isfel fid-direzzjoni ta' Marsalforn. Din it-triq hija wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu

żewġ karozzi tajjeb, mingħajr il-ħtieġa li jieqfu għal xulxin. Huwa kkonferma wkoll li r-rota tal-vettura misjuqa minn Joseph Muscat tqaċċtet inkluż is-*shock absorbers* u l-*bumper.* Ikkonferma li fuq quddiem tal-karozzi tfarrku u kien hemm ħafna *debris* fit-triq. Id-*debris* kien mifrux għaliex il-vettura misjuqa minn Muscat baqgħet titkaxkar u tħalli l-frak warajha. Qal li ma setax jistabbilixxi l-i*spot of impact* u li ma sabx marki mal-art, *brakemarks* jew *skid marks*.

22. Din il-Qorti għarblet ix-xhieda mogħtija mill-assikurati tal-partijiet flimkien mal-provi mressqa. Dwar id-dinamika tal-inċident, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis li l-verżjoni mogħtija minn Joseph Muscat hija waħda verosimili u ta' min wieħed jistrieħ fuqha u dan għal diversi raġunijiet. Kuntrarjament għal dak li ngħad mill-kumpanija appellanti ma tqisx li Joseph Muscat kien inkonsistenti. Ibda biex, jirriżulta li l-verżjoni tiegħu ttieħdet waqt li kien rikoverat l-isptar. Dakinhar huwa stqarr li, "*kont nieżel lejn Marsalforn u ma nafx kif sab ruħi ġo ħajt. Ma niftakarx x'ġara".* Ftit jiem wara l-inċident, fil-21 ta' Settembru, 2012, Muscat mar l-Għassa u żied mal-istqarrija u fl-okkorrenza tniżżel, "*kont nieżel lejn Marsalforn bi speed normali. F'ħin minnhom għaddiet vettura oħra 'l fuq minn maġenbi. Ħassejt daqqa u nsib ruħi bil-karozza tiżżerżaq lejn in-naħa l-oħra tat-triq. Wara kont indunajt li kienet inqalgħet ir-rota bl-impatt."*

23. Din il-Qorti ma tara xejn stramb bil-fatt, li meta Joseph Muscat kien

rikoverat l-isptar wara l-inċident, ma ftakarx id-dinamika tal-inċident għaliex kien għadu taħt xokk. Infatti fl-istess stqarrija tiegħu lis-surġent, dakinhar qallu li ma kienx qiegħed jiftakar x'kien ġara. Iżda l-assikurat tal-kumpanija appellata ma waqafx maż-żieda fl-istqarrija tiegħu ħamest ijiem wara l-inċident u dan għaliex huwa saħansitra bagħat ittra ta' protesta lill-Kummissarju tal-Pulizija nhar is-27 ta' Settembru, 2012[14], li permezz tagħha lmenta dwar il-mod ta' kif sar l-iskizz, li kien nieqes minn dettalji bħalma huma d-daqqiet, grif, marki mal-wiċċ tat-triq u li r-rota tal-vettura tiegħu nqalgħet minn postha u 'taret diversi metri 'l fuq' u li ma ġiex indikat fejn spiċċat din ir-rota. Sostna li l-iskizz jagħti x'jifhem li huwa seta' invada l-karreġġjata opposta meta dan ma kienx il-każ. Lanqas il-konfigurazzjoni tat-triq mhi tajba għaliex imkien fl-iskizz m'hemm li fit-triq hemm liwja. Ilmenta wkoll dwar il-mod ta' kif ġie trattat fil-mument li ttieħdet il-verżjoni tiegħu ta' kif seħħ l-inċident.

24. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti tirriskontra kontradizzjonijiet fil-verżjoni mogħtija minn Francis Ġuda Cutajar. Fil-verżjoni tiegħu *a tempo vergine* huwa qal: "*Kont tiela' minn Marsalforn lejn ir-Rabat u l-vettura l-oħra ġiet fuqi f'daqqa".* Ma tteħditx il-verżjoni ta' mart Cutajar, li kienet ukoll fil-karozza miegħu flimkien ma' wliedhom. Jiġi nnutat li fl-affidavit tiegħu Cutajar jgħid li kien qiegħed isuq b'velocità ta' erbgħin kilometru fis-siegħa u qal li l-karreġġjata li fiha kien qiegħed isuq Joseph Muscat kienet

[14] A fol. 105 sa 107 tal-proċess.

kemmxejn idjaq għaliex hemm bankina li tisporġi fit-triq u għalhekk il-karozzi fuq din il-karreġġjata jridu jżommu sew man-naħa tagħhom. Jgħid li meta wasal ħdejn il-kunvent tal-Kapuċċini, huwa ra vettura nieżla minn faċċata tiegħu, *«fit-tul ta' xi żewġ karozzi 'l bogħod minni».* Kompla li dak il-ħin bintu ġibditlu l-attenzjoni li karozza kienet ġejja għal fuqhom iżda ma setax jevita l-impatt. Fisser li mad-daqqa, ir-rota tal-karozza l-oħra nqalgħet u baqgħet fuq l-istess karreġġjata li fiha seħħ l-inċident u li d-*debris* kien jinsab fuq il-karreġġjata li kien jinsab fiha huwa.

25. Meta Cutajar kien qiegħed iwieġeb mistoqsijiet in kontroeżami, mistoqsi dwar il-wisa' tal-karreġġjata li minnha kien għaddej Muscat, qal li l-wisa' hija waħda normali. Mistoqsi dwar il-velocità li kien qiegħed isuq il-karozza wieġeb li bilfors kellu jsuq bil-mod peress illi hemm *zebra crossing* qabel it-telgħa.

26. Illi mir-ritratti eżebiti minn Cutajar innifsu jidher li fil-fatt iż-*zebra crossing* hija akkumpanjata minn *traffic lights* u dawn jinsabu fejn seħħet il-ħabta. Dan il-fatt fih innifsu ma jfissirx li Cutajar naqqas il-veloċità li biha kien qiegħed isuq. Huwa stess qal li ma kienx hemm nies jaqsmu jew jistennew biex jaqsmu. L-impatt kien wieħed qawwi u dan meta jiġi kkunsidrat il-ħsara fuq iż-żewġ karozzi.

27. Għaldaqstant għandha minn ewl id-dinja l-konklużjoni tal-Ewwel

Qorti li huwa aktar plawsibbli li Cutajar kien ra li l-kulur tad-dawl tat-*traffic lights* kien aħdar u huwa baqa' jsuq bl-istess veloċità mingħajr ma naqqas.

28. Punt ieħor li tilmenta dwaru l-kumpanija appellanti hija dwar l-i*spot of impact*. Tinsisti li l-mod kif il-karozzi spiċċaw wara l-impatt u ladarba r-rota ta' quddiem tal-karozza ta' Muscat u l-*parts* tal-karozzi spiċċaw fuq il-karreġġjata, li minnha kien għaddej ix-xufier assikurat tagħha, fuq bażi ta' probabbilità, għandhom ixaqilbu lejn it-teżi li l-karozza misjuqa minn Muscat invadiet il-karreġġjata ta' Cutajar, eżatt qabel l-impatt u waqt l-impatt. Cutajar isostni li l-ħabta seħħet fuq il-karreġġjata tax-xellug fid-direzzjoni lejn ir-Rabat u allura fid-direzzjoni fejn kien qiegħed isuq huwa. Isostni li Muscat kiser fid-direzzjoni tal-lemin u b'hekk daħal fuqu.

29. Dawn l-asserzjonijiet ma jirriżultawx li huma veritjieri u siewja. Ibda biex PS 428 Carmelo Debattista xehed li d-*debris* l-aktar li kien ċentrali. Testwalment qal, "*Ma kienx wieħed offline totalment jew in-naħa l-oħra. Side to side għax mudguard ma' mudguard u fanal ma' fanal, mhux head on bħala daqqa kienet. Kien mifrux…".* Għalhekk mhux kif qiegħda tgħid il-kumpanija appellanti. Barra minn hekk, irriżulta li x-xena ma ġietx preżervata u allura d-*debris* iċċaqlaq bil-karozzi li għaddew, u ma jridx jintesa li l-karozza ta' Muscat baqgħet titkaxkar sakemm waqfet ma' ċint, billi bl-impatt tqaċtet ir-rota. Magħdud ma' dan, il-fatt li r-rota mqaċċta

spiċċat fil-karreġġjata tal-vettura misjuqa minn Cutajar ma jfissirx li l-impatt seħħ f'dik il-karreġġjata. B'żieda ma' dan, jingħad li Muscat kien qiegħed isuq f'niżla, u allura r-rota kif tqaċċtet bil-*momentum* daret aktar.

30. Għandha raġun il-kumpanija appellata tgħid li meta r-rota ta' quddiem tal-karozza tal-assikurat tagħha tqaċċtet, l-imsemmija karozza tilfet il-bilanċ tagħha u b'konsegwenza il-vettura għelbet 'il quddiem u spiċċat tkaxkar fuq l-asfalt. Kemm Joseph Muscat, kif ukoll bintu Dr Nadia Vella sostnew fix-xhieda tagħhom, ikkorroborata bir-ritratti eżebiti minnhom, illi fuq l-asfalt dehru grif bojod, li ġew ikkawżati mill-karozza hi u titkaxkar sakemm waqqfet maċ-ċint. Huwa proprju minħabba l-impatt u n-nuqqas ta' rota ta' quddiem, li l-karozza ta' Muscat spiċċat fil-kareġġjata opposta. Mir-ritratti jidher li l-karozza ta' Muscat kellha l-ewwel impatt mal-asfalt u dan meta tqaċċtet ir-rota u l-karozza għelbet 'il quddiem, liema marki huma fil-kareġġjata tal-assikurat tagħha. Għalhekk il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li qieset li l-aktar prova oġġettiva li nġabet fil-kawża kienu proprju r-ritratti li juru x'kien hemm fuq il-post tal-inċident ftit mumenti wara li seħħ, u l-ispjegazzjoni mogħtija mill-partijiet għad-dettalji murija f'dawn ir-ritratti hija waħda raġjonevoli u li setgħet tasal għaliha.

31. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, hija konvinta mill-provi mressqa li huwa ferm aktar probabbli li kien ix-xufier Cutajar, l-assikurat tal-kumpanija appellanti, li żied il-veloċità fi triq li kienet vojta kemm min-nies

u mill-karozzi. Kien is-sewqan eċċessiv li kienet il-kawża prossima tal-inċident inkwistjoni, tant li Cutajar ma kellux il-kontroll tal-karozza li kien qiegħed isuq.

32. Għalhekk dan l-ewwel aggravju huwa miċħud.

33. Fit-tieni aggravju, il-kumpanija appellanti tilmenta dwar l-ammont ta' danni likwidati. Tfisser li mill-atti proċesswali l-valur fis-suq tal-karozza tal-assikurat tal-kumpanija appellata kien effettivament tlettax-il elf ewro (€13,000). Madankollu, dan l-ammont ġie aġġustat għall-valur ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) wara li l-kumpanija appellata kkomunikat mal-assikurat tagħha u anki għaliex skont is-*surveyor* ma tantx kellha mili u kienet ikkundizzjonata.

34. Il-kumpanija appellanti tgħid li ma taqbilx mal-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti u dan billi l-ewwel ammont li kien ġie stabbilit mis-*surveyor* Tarcisio Mercieca kien ta' tlettax-il elf Ewro (€13,000) u dan wara li s-*surveyor* kien dar il-vettura u kien diġà ħa in konsiderazzjoni l-mili u l-kundizzjoni tal-karozza assikurata mill-kumpanija appellata. Targumenta li l-valur oriġinali li kien wasal għalih is-*surveyor* inbidel u żdied wara li l-kumpanija appellata nfurmat lill-istess *surveyor* li kienet tkellmet mal-assikurat tagħha. Skontha dan huwa totalment żbaljat u mingħajr ebda bażi. Dan it-tibdil imur kontra kull dettami tal-professjoni u

teknika. Għalhekk tikkonkludi billi tgħid li jekk hemm xi danni dovuti, filwaqt li ma tikkontestax l-elf u tliet mitt ewro (€1,300) rappreżentanti *wreck value,* iż-żieda fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) mhix ġustifikata.

35. Il-kumpanija appellata tilqa' għal dan l-aggravju billi tirreferi għall-Artikoli 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili u ssostni li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

36. In tema legali, għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni, irriżulta li l-karozza tal-assikurat tal-kumpanija appellata ma kinitx iżjed f'qagħda li tissewwa għalhekk il-valur li kellha l-karozza ntemm bis-saħħa tal-inċident. F'każ bħal dan, il-kejl tal-ħsara mġarrba jitqies bl-ammont tat-tnaqqis fil-valur tal-ħaġa minn kif kienet qabel l-inċident għal kemm ġiet tiswa minnufih b'riżultat tiegħu (Ara ***Middlesea Insurance plc et v. Joseph Saliba*, **deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ġunju, 2018; u ***Richard Casha v. Frans Sammut*, **deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' April, 2003).

37. Jirriżulta li l-kumpanija appellata ħallset lill-assikurat tagħha, Joseph Muscat, is-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000). B'dan li f'dawn il-proċeduri hija talbet lill-Qorti tikkundanna lill-kumpanija appellanti tħallasha s-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt ewro (€12,700) billi naqset il-valur tar-*wreck.*

38. Is-*surveyor* Tarcisio Mercieca fisser[15] l-eżerċizzju li wettaq sabiex kkonkluda li l-vettura ta' Muscat kienet *beyond economical repair*. Fir-rapport tiegħu[16] huwa semma l-*parts* kollha li kien jeħtieġ jinbidlu, li fit-total tagħhom kienu se jiswew ħdax-il elf, tmien mija u seba' u erbgħin ewro (€11,847). Billi huwa kkunsidra li l-valur tal-karozza fis-suq kien ta' tlettax-il elf ewro (€13,000) u billi l-istess karozza kellha mili baxxi u kienet ikkundizzjonata huwa qabel li l-valur kellu jitla' għal erbatax-il elf ewro (€14,000). Fisser ukoll li biex wasal għal din id-deċiżjoni ħares lejn il-valur tal-karozza fis-suq kien qrib l-erbatax-il elf ewro (€14,000) fuq il-*guide book* tal-karozzi kollha u wettaq verifiki ma' *dealers.*

39. Jiġi rilevat ukoll li l-kumpanija appellanti ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkuntrasta dan l-ammont jew sabiex ixxejjen il-konklużjonijiet tas-*surveyor*.

40. Għaldaqstant tqis li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għaldaqstant dan l-aggravju wkoll mhux mistħoqq.

41. Ngħaddu issa għall-**<u>Appell Inċidentali</u>** tal-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited, liema appell jirrigwarda limitatament l-impożizzjoni tal-imgħax legali mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Illi l-

[15] Meta xehed fis-seduta tal-1 ta' Marzu, 2017.
[16] Dok B a fol. 10 *et seq.* tal-proċess.

kumpanija Atlas Insurance PCC Limited tilmenta li l-Ewwel Qorti ordnat illi l-ħlas tal-imgħax legali għandu jitlaq mid-data tas-sentenza u ċioè mill-10 ta' Diċembru, 2018 u mhux hekk kif mitlub mid-data tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013 u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni. Tfisser li fl-ittra uffiċjali l-ammont mitlub minnha kien determinat u dan il-fatt qatt ma ġie kkontestat mill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited. Għalhekk titlob li l-imgħax legali għandu jitlaq mid-data tal-ittra uffiċjali u dan bħala danni tad-dewmien tal-eżekuzzjoni tal-ħlas tagħha u kumpens ta' ammont li minkejja li kien ilu dovut baqa' ma tħallasx.

42. Il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited laqgħet għal dan l-appell inċidentali billi sostniet li l-Ewwel Qorti ddeċidiet b'mod ekwu u ġust. Kompliet tgħid ukoll li minkejja li l-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited tippretendi mgħax legali mit-3 ta' Mejju, 2013, provi in atti li din l-ittra uffiċjali ntbagħtet u/jew ġiet notifikata ma saritx. L-oneru ta' tali prova kienet fuq il-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited.

43. Dan l-aħħar punt kien dibattut fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Jannar, 2023, fl-ismijiet ***Joseph Bajada et v. Alfred Mallia*** fejn intqal:

> *"15. L-Ewwel Qorti osservat li għalkemm l-atturi għamlu referenza għall-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ġunju, 2020, iżda rriteniet li prova tal-imsemmija ittra uffiċjali ma tirriżultax ippreżentata mill-atturi fl-atti tal-kawża. Madankollu, ladarba atti ġudizzjarji huma atti ppreżentati fir-reġistru, il-Qorti għandha mezzi sabiex tivverifika u taċċerta ruħha mhux biss li l-att in kwistjoni jkun ippreżentat, iżda anke notifikat. Dan il-punt tqanqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Novembru, 2017, fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Farrugia et v. Joseph Attard et*** *fejn ingħad:*

*"Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża Korporazzjoni Enemalta v. V&C Contractors Ltd, deċiża fit-22 ta' Jannar, 2010:*

*"... ... ... It-Tribunal, avolja ma ġietx preżentata kopja ta' dak l-att, kellu jieħu kont ta' dik l-ittra uffiċċjali għal-liema l-Korporazzjoni appellanti rreferiet fl-Avviż tagħha għaliex, trattasi ta' att ġjacenti fir-Reġistru tal-Qorti, hu kellu l-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu li jivverifika dak l-istess att u jaċċerta ruħu wkoll illi l-att mhux biss ġie intavolat, iżda notifikat ukoll;"*

***Bħala atti tal-qorti, il-Qorti li quddiemha ssir referenza għalihom, għandha hi stess tindaga fuqhom billi titlob li dawk l-atti jinġiebu quddiemha għall-eżami tagħha. Sakemm min jirreferi għall-atti jagħti biżżejjed dettalji għall-identifikazzjoni ta' dawk l-atti, ma hux meħtieġ li jiġu esebiti fil-proċess ta' kawza oħra u l-Qorti għandha hi stess tivverifika l-eżistenza u l-kontenut tagħhom."*** *(enfasi ta' din il-Qorti)*

*16. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, ladarba l-atturi għamlu referenza għad-data ta' meta ppreżentaw l-ittra uffiċjali tagħhom, huwa faċli li minn sempliċi verifika permezz tal-eCourts, il-Qorti tista' tikkonstata li l-ittra uffiċjali tabilħaqq kienet iddaħħlet il-Qorti fil-ġurnata li jingħad mill-atturi fil-11 ta' Ġunju, 2020, iġġib referenza 1492/2020 u mill-istatus tal-att, jirriżulta bħala wieħed pożittiv. (Ara f'dan is-sens ukoll, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawża fl-ismijiet B***NF Bank plc v. Comprod Group Limited et***.)."*

44. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, din il-Qorti vverifikat u kkonstatat li l-ittra uffiċjali msemmija fir-rikors promotur iddaħħlet il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2013, iġġib referenza 1272/2013 u mill-*istatus* tal-att, jirriżulta li huwa pożittiv.

45. Ġie miżmum fis-sentenza fl-ismijiet ***Pacifico Bezzina v. Victor Buttigieg*** li:

*"Ma hemmx dubbju illi normalment il-Qrati tagħna jimxu mal-prinċipju 'in illiquidis non fit mora'. Madankollu kif ġie espress per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet* ***Citadel Insurance v. Johan Ciantar*** *(Prim' Awla – 20 ta' Ġunju 2002) li meta talba għall-hlas ta' danni hija magħrufa jew faċilment determinabbli sa minn qabel jibdew il-proċeduri ġudizzjarji li jkollhom jittieħdu biex jintalab dak il-ħlas, l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar li ssir l-ewwel intima b'att ġudizzzjarju*

*(jekk dan ikun sar) u mhix minn dak in-nhar li eventwalment tingħata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont.*

*Fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Anthony Turner v. Francis Agius*** *(28 ta' Novembru 2003) ingħad illi:*

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imgħax, il-Qorti rriteniet illi l-imgħax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jgħaddi mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni propju minħabba l-prinċipju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti żiedet però li l-imgħax kellu jgħaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja taċ-ċifri involuti iżda kien naqas milli jiddepożita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jeżimi ruħu mir-responsabilità."*

*F'dak il-każ (**Turner v. Agius**) għalhekk il-Qorti ordnat il-ħlas tal-imgħaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument l-ammont likwidat kien evidenti għall konvenut."*

46. L-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili huwa applikazzjoni tal-prinċipju *lite contestata usuræ currunt*. L-imgħax għalhekk għandu jibda jgħaddi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizjarju. Ir-raġuni hija illi d-debitur, għalkemm imsejjaħ biex iħallas, baqa' jgawdi flus li suppost kellu jgawdihom il-kreditur. Dak il-benefiċċju għalhekk għandu jgħaddih lill-kreditur fil-forma ta' mgħaxijiet; ma għandux jieħdu d-debitur il-benefiċċju talli dewwem il-ħlas. (Ara ***Carmela Cassar et v. Tarcisio Azzopardi***, deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2019).

47. Stabbilit dan, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wieħed siewi. Il-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited interpellat lill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited permezz tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Mejju, 2013 u t-talbiet tagħha ntlaqgħu kemm mill-Ewwel Qorti u anki minn din il-Qorti. Għalhekk l-imgħax għandu jitlaq minn din id-data.

48. Inkwantu għall-ispartizzjoni tal-ispejjeż, il-Qorti tqis li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, inkluż l-appell inċidentali, għandha tbatihom il-kumpanija GasanMamo Insurance Limited meħud in kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet li waslet għalihom din il-Qorti.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad l-appell prinċipali** mressaq mill-kumpanija GasanMamo Insurance Limited, filwaqt li qiegħda **tilqa' l-appell inċidentali** mressaq mill-kumpanija Atlas Insurance PCC Limited, u għalhekk tvarja s-sentenza appellata, b'dan li l-imgħax fuq is-somma ta' tnax-il elf u seba' mitt ewro (€12,700) għandu jitlaq mit-3 ta' Mejju, 2013 u mhux mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti. Mill-bqija s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda tiġi kkonfermata.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż tal-appell inċidentali, kontra l-kumpanija GasanMamo Insurance Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da